# Il-Benċmark ta' Tmiem l-Edukazzjoni Primarja

## 2016

**Il-Malti:** Il-Fehim mis-Smigħ

**Il-Marki:** 20 marka

**Il-Ħin:** 30 minuta

## L-Ewwel Silta: Riesqa l-Ħarifa (10 marki)

**Taħriġ A** (5 marki)

**Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (✓) fil-kaxxa t-tajba, skont dak li smajt fis-silta.**

**L-ewwel waħda hija eżempju.**

1. Fin-natura, il-ħajja tibqa' dejjem l-istess.

VERU ☐ FALZ ☑ MA SSEMMIETX ☐

2. Fil-ħarifa, in-natura terġa' timtela bil-ħlejjaq.

VERU ☐ FALZ ☐ MA SSEMMIETX ☐

3. Barra żrinġijiet u gambli, insibu wkoll xi speċi ta' ħut li jgħixu fl-għadajjar.

VERU ☐ FALZ ☐ MA SSEMMIETX ☐

4. Tul is-sajf, in-nixxigħat kollha ta' Malta jkunu bla ilma.

VERU ☐ FALZ ☐ MA SSEMMIETX ☐

5. Il-qabru jinsab f'riskju li ma jibqax jeżisti fid-dinja.

VERU ☐ FALZ ☐ MA SSEMMIETX ☐

6. Il-ħajja fil-baħar tkun aktar kwieta fil-ħarifa minħabba li jonqsu n-nies mix-xtajtiet.

VERU ☐ FALZ ☐ MA SSEMMIETX ☐

**Taħriġ B** (5 marki)

**Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħtha, skont dak li smajt fis-silta.**

**L-ewwel waħda hija eżempju.**

1. Din is-silta hi dwar
   a) <u>**l-istaġuni u n-natura.**</u>
   b) l-istaġun tas-sajf.
   ċ) l-ambjent ta' ħdejn il-baħar.

2. F'pajjiżna, is-sajf hu
   a) qasir u kwiet.
   b) twil u kiefer.
   ċ) kiesaħ u aħrax.

3. **'Tieħu r-ruħ'** tfisser li n-natura
   a) tmur għall-agħar.
   b) timtela b'ħafna riħ.
   ċ) tmur għall-aħjar.

4. Il-qabru nistgħu nsibuh
   a) ħdejn il-baħar.
   b) fl-għadajjar tal-kampanja.
   ċ) fl-ilma li jinġabar fit-toroq wara x-xita.

5. Il-ħajja ta' taħt l-ilma
   a) hi differenti għalkollox mill-ħajja fuq l-art.
   b) tixbah ħafna l-ħajja fuq l-art.
   ċ) tixbah ftit il-ħajja fuq l-art.

6. Skont is-silta, '**tmissek ix-xorti**' tfisser
   a) tiġik opportunità ta' darba.
   b) titwieled xortik tajba.
   ċ) ikollok ħafna flus.

## It-Tieni Silta: Ajjut! Is-silġ qed jinħall! (10 marki)

**Taħriġ A** (5 marki)

**Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħtha, skont dak li smajt fis-silta.**

**L-ewwel waħda hija eżempju.**

1. Glenn huwa
   a) ors abjad.
   b) balena.
   ċ) **pingwin**.
   d) kelb il-baħar.

2. Il-ħlejjaq tal-Antartika jistgħu jispiċċaw bla dar għax is-silġ
   a) qed jintuża biex il-bnedmin ikessħu d-djar tagħhom.
   b) qed idub u b'hekk qed jinqered l-abitat tagħhom.
   ċ) qed ibiddel il-kulur tiegħu.
   d) qed jiksi aktar artijiet.

3. Il-balena u n-narratur huma
   a) ħbieb.
   b) kollegi.
   ċ) xjenzati.
   d) qraba.

4. Il-balena qalet li t-temperatura tad-dinja
   a) hija stabbli.
   b) hija ideali.
   ċ) tielgħa.
   d) nieżla.

5. Fl-aħbarijiet intqal li l-bniedem sar jiddependi ħafna
   a) mill-elettriku u l-karozzi żgħar biss.
   b) mill-karozzi tal-linja u r-roti.
   ċ) mix-xemx u s-serer.
   d) mill-elettriku u t-trasport.

6. L-effett serra jseħħ minħabba li r-raġġi tax-xemx
   a) jidħlu fl-atmosfera u jaħbtu direttament mas-silġ.
   b) jidħlu u ma joħorġux mill-atmosfera minħabba l-gassijiet velenużi fl-arja.
   ċ) jidħlu u ma joħorġux mill-atmosfera minħabba s-serer tal-għelieqi.
   d) jidħlu u joħorġu mill-atmosfera minħabba l-gassijiet velenużi fl-arja.

## Taħriġ B (5 marki)

**Imla l-vojt b'kelma waħda, skont is-sens tas-silta.**
**L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.**

Fiona l-balena qalet li biex ma tkomplix tisħon id-dinja, aħna nistgħu nagħtu <u>daqqa</u> t'id. Dan nistgħu nagħmluh billi ________________ apparat elettroniku jekk ma nkunux qed nużawh. Meta nivvjaġġaw minn post għal ieħor nistgħu ________________ jew nużaw ir-rota. Tkun idea tajba jekk inħawlu aktar siġar billi dawn inaqqsu l-gassijiet li jagħmlu l-________________ u jarmu arja tajba. Barra minn hekk, ir-riċiklaġġ, is-separazzjoni tal-________________ u l-użu ta' riżorsi ta' ______________ alternattiva huma ferm importanti.

**Tmiem il-karta**